


# IL-PONT

miġbura minn Patrick SAMMUT

ħarġa Nu. 30 - **MARZU 2015**


## editorjal

Xtaqt nirreferi għal żewġ testi differenti. L-ewwel wieħed għar-rumanz ta' Milan Kundera *Ignorance* li ħareġ fl-2002 fejn jikteb dwar il-mużika li tilfet kull sens: "Radio was the tiny stream it all began with. Then came other technical means for reproducing, proliferating, amplifying sound, and the stream became an enormous river. If in the past people would listen to music out of love for music, nowadays it roars everywhere and all the time, 'regardless whether we want to hear it,' it roars from loadspeakers, in cars, in restaurants, in elevators, in the streets, in waiting rooms, in gymns, in the earpieces of Walkmans, music rewritten, reorchestrated, abridged, and stretched out, fragments of rock, of jazz, of opera, a flood of everything jumbled together so that we don't know who composed it (music become noise is anonymous), so that we can't tell beginning from end (music become noise has no form): sewage-water music in which music is dying." Dan li kiteb Kundera hawn fakkarni fis-sitwazzjoni attwali f'Malta rigward il-mezzi tal-komunikazzjoni u dak li jixxandar fuqhom. Minn żmien il-pluraliżmu 'l hawn il-ħin disponibbli għal min irid ixandar żdied drastikament tant li l-prodott spiss waqa' fil-medjokrità. Dak li jgħid Kundera għall-mużika faċilment japplika wkoll għall-kelma li tilfet ħafna mis-sens tagħha u saret biss ħoss, storbju, min-naħa ta' min irid isemma leħnu anki jekk ma għandu x'joffri xejn ta' fejda. F'dan il-każ għandna sitwazzjoni fejn parti kbira minn dak li qed jixxandar qed jimla l-imħuħ bil-baqq u xejn iktar. Dan hu komdu tassew għal min imexxi ladarba moħħ mimli baqq huwa nieqes minn sens kritiku awtentiku u b'hekk is-sitwazzjoni qatt ma tinbidel għall-aħjar. Jinżamm l-*istatus quo*.

Fuq nota oħra, il-kittieb, poeta u editur letterarju Taljan Amerigo Iannacone jikteb hekk dwar il-poeżija: "E comunque la scrittura poetica, quando è autentica, è un'esigenza intima. Non si scrive per i lettori, non si scrive pensando a chi leggerà, ma si scrive e basta. Si scrive, se volete, per sé stessi. Che poi i lettori vi si riconoscano o che comunque apprezzino lo scritto è un altro discorso. Ma la scrittura ha ovviamente anche altre funzioni (sociale, etica, didattica, catartica, ecc.) di cui non sto ora a parlare." (*Testimonianze 2007-2014 Interventi critici*, Edizioni Eva, 2015). F'dan id-dawl, għandna bżonn iktar poeżija fuq il-mezzi tax-xandir u inqas storbju u diskorsi fiergħa.

Lil dan Amerigo Iannacone, minn Isernia, nifirħulu għax is-sena 2015 timmarka t-tletin sena tal-pubblikazzjoni mensili regolari tiegħu IL FOGLIO VOLANTE - LA FLUGFOGLIO, rivista letterarja li matul dawn is-snin serviet biex ġabet flimkien bosta ismijiet magħrufin u inqas magħrufin marbutin mal-qasam letterarju mid-dinja kollha, inkluża Malta.

Min jixtieq jikkontribwixxi f'IL-PONT b'materjal ta' livell, mhux twil u adatt jista' jibagħtu direttament lill-Editur fl-indirizz **sammutpatrickj@gmail.com**

# l-aħbarijiet

**POETESSA MINN IŻRAEL TIRBAĦ IL-PREMJU TEMOIGNAGE F'PARIĠI**

F'Diċembru 2014 il-poetessa minn Iżrael, Ada Aharoni, rebħet il-premju prestiġjuż "Prix du Témoignage" permezz tal-ktieb *Not in Vain: an Extraordinary Life* (1998). Dan hu ktieb li jirrakkonta parti mhix daqstant magħrufa mill-istorja tat-Tieni Gwerra Dinjija dwar il-komunità Lhudija f'Alessandrija u dwar il-kooperazzjoni armonjuża bejn l-Għarab u l-Lhud. Il-ktieb inqaleb mill-Ingliż għall-Franċiż minn Michel Mazza bl-isem ta' *Thea Wolf – la femme en blanc de l'hôpital d'Alexandrie.* Dan hu dwar l-infermiera Thea Wolf li, flimkien mal-komunità Lhudija fl-Eġittu, organizzat kumitat ta' salvataġġ għal-Lhud mill-Olokawst Nażista fl-Ewropa, u, permezz tal-isptar u bl-għajnuna ta' uffiċċjali Eġizzjani, mijiet ta' Ewropej Lhud maħruba sabu kenn f'Alessandrija. Il-verżjoni bl-Ebrajk tal-ktieb ġiet ippubblikata f'Jannar 2015. Dr Ada Aharoni hija l-President Fundatur tal-IFLAC, il-Forum Internazzjonali għal-Letteratura u l-Kultura tal-Paċi. Għal iktar tagħrif wieħed jista' jara l-ħolqa https://iflac.wordpress.com/

**DAVID HARSENT JIRBAĦ IL-PREMJU GĦALL-POEŻIJA TS ELIOT**

Il-poeta u professur tal-kitba kreattiva fl-Università ta' Roehampton, David Harsent, f'Jannar li għadda permezz ta' dan il-Premju rebaħ għoxrin elf sterlina għall-11-il ġabra ta' poeżiji tiegħu *Fire Songs*. Is-sena 2015 qed tfakkar il-50 anniversarju tal-mewt ta' TS Eliot.

**TMUT GENE KEMP, KITTIEBA TA' STEJJER GĦAT-TFAL**

Fl-4 ta' Jannar li għadda mietet il-kittieba Gene Kemp. Hija twieldet f'Wiggington, fi Staffordshire, f'Diċembru tal-1926. Hija kienet għalliema. Isimha jibqa' mfakkar għal xogħlijiet bħal *The Turbulent Term of Tyke Tiler* (1977). Hawn bosta kienu jaħsbu li Tyke kien tifel imqareb u storbjuż imma fil-fatt kienet tifla. Dan kien eżempju ħaj tal-ġlieda ta' Kemp kontra l-isterjotipizzazzjoni tas-sessi. Bosta mill-kotba tagħha kienu għal tfal ta' etajiet bejn it-8 u t-12-il sena. Il-ktieb li ħariġha għad-dawl bħala kittieba kien *The Prime of Tamworth Pig* (1972). Kotba tal-istess serje huma *Charlie Lewis Plays for Time* (1984), *Just Ferret* (1990) u *Snaggletooth's Mystery* (2002). Gene Kemp kitbet ukoll stejjer dwar tfal b'diżabiltajiet u anki stejjer tal-iħirsa.



Il-kittieba Gene Kemp

**SAWL: MONOLOGU DWAR IL-ĦAJJA MQALLBA TA' SAN PAWL**

Il-kumpanija *Talenti* ppreżentat *SAWL*, monologu dwar il-ħajja mqallba li għex San Pawl. Il-monologu ġie interpretat minn Mario Micallef, u nkiteb minn Alfred Palma, b'direzzjoni ta' Zep Camilleri. Dan il-monologu kontroversjali, *SAWL (Pawlu ta' Tarsu)*, ittella' fl-24, 25 u 31 ta' Jannar, u anki fl-1 ta' Frar 2015, fil-Kavallier ta' San Ġakbu. Fi kliem Mario Micallef stess: "Alfred Palma għamel riċerka intensiva dwar il-ħajja li għex San Pawl. Nista' ngħidlek minn issa li ċerti ġrajjiet inklużi f'dan l-iskript ftit li xejn nafu fuqhom." (*Il-Mument*, il-Ħadd, 18 ta' Jannar, 2015, Intervista ma' Joe Cassar). L-istess monologu se jittella' fl-14 ta' Marzu 2015, fid-Dar Ċentrali tal-PN.

**KUMITAT ĠDID GĦALL-GĦAQDA POETI MALTIN**

Fil-Laqgħa Ġenerali Triennali tal-Għaqda Poeti Maltin li saret is-Sibt, 31 ta' Jannar 2015, il-Membri eleġġew Kumitat ġdid. Il-Kumitat issa hu kompost kif ġej: Charles Magro, President; Jesmond Sharples, Segretarju; Mary Doris Chircop, Teżoriera; Omar Seguna, Viċi President u Segretarju Internazzjonali; Charles Mifsud, Assistent Segretarju; Alfred Caruana Ruggier, Asst. Teżorier; u Miriam Ellul, Uff. Rel. Pubb. Inħatru wkoll diversi Kummissjonijiet għat-tliet snin li ġejjin. Awguri lil dan il-Kumitat ġdid.

# l-aħbarijiet

## MIKIEL ANTON VASSALLI U L-ESPERANTO

Artiklu ta' tliet faċċati ta' Dr Carmel Mallia bl-Esperanto fuq M.A. Vassalli deher f'Ottubru 2014 fir-rivista internazzjonali bl-Esperanto, 'Literatura Foiro' (Fiera Letterarja), ippubblikata l-Isvizzera mill-Koperattiva Esperantista tal-PEN. Fl-istess rivista f'April 2014 dehret ukoll traduzzjoni ta' Mallia bl-Esperanto tas-sunett *Lil Mikiel Anton Vassalli* ta' Ġorġ Pisani. B'hekk Vassalli deher għal darba oħra fil-moviment esperantist. L-ewwel darba li isem Vassalli deher bl-Esperanto kien meta d-Dar tal-pubblikazzjoni 'Mondial' ippublikat it-traduzzjoni ta' Carmel Mallia bl-Esperanto tar-rumanz ta' Frans Sammut *Il-Ħolma Maltija* (bl-Esperanto, *La Malta Revo*) fl-2007.

## IMMANUEL MIFSUD F'SERATA LETTERARJA F'WIED IL-GĦAJN

Nhar il-11 ta' Frar fil-lokal Bongo Nyah f'Wied il-Għajn ittellgħet serata letterarja bl-isem ta' "Aqrali, qaltli" li għaliha kien mistieden speċjali Immanuel Mifsud.

## QARI U INTERVISTA MAL-AWTUR SIRJAN KHALED KHALIFA

Nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar, fil-Kavallier ta' San Ġakbu, il-Belt, Khaled Khalifa, rumanzier dissidenti ewlieni Sirjan qara mix-xogħol tiegħu, ir-rumanz *In Praise of Hatred*, u ġie intervistat waqt attività pubblika li għaliha seta' jattendi kulħadd. Din l-attività kienet organizzata minn Inizjamed bl-għajnuna taċ-Ċentru tal-Kreattività tal-Kavallier ta' San Ġakbu.



Il-kittieb Sirjan Khaled Khalifa

## SERATA LETTERARJA FUQ TALBA TAL-PRESIDENT TA' MALTA

Nhar id-19 ta' Frar, fuq talba tal-Eċċellenza Tagħha, il-President ta' Malta, ittellgħet serata letterarja ddedikata lill-poetessa Lucilla Maclaren Spillane. Matul din il-lejla nqraw poeżiji bl-Ingliż u bil-Malti mill-ġabra ta' poeżiji tagħha *Another Seeing and other Poems* u mill-ktieb tradott tagħha *Lemħa Oħra u poeżiji oħrajn.* Il-poeżiji nqraw minn membri tal-kast tal-film *Simshar*, dirett minn Rebecca Cremona. L-intervalli mużikali ndaqqu mill-vjolinista Xandrija, b'akkumpanjament tas-Sur Alexander Manchè. Waqt is-serata kien għall-bejgħ il-ktieb *Another Seeing and other poems* bil-qligħ imur għall-*Community Chest Fund*.

## SERATA LETTERARJA F'GĦAWDEX BIEX JITFAKKAR DUN ĠORĠ MERCIECA

F'għeluq ix-xahar mill-mewt ta' Dun Ġorġ Mercieca, fiċ-Circolo Gozitano fi Pjazza Savina Victoria, nhar il-Ġimgħa 20 ta' Frar 2015 filgħaxija ttellgħet Serata letterarja f'ġieħu bis-sehem ta' diversi kittieba li kienu jafuh, fosthom John Cremona, Joe W Psaila, Charles Bezzina, Joe Camilleri, Dr Alfred Grech, Anton F. Attard, Mario Borg, il-Kapuċċin Patri Remiġ Galea kif ukoll Ġorġ Mercieca u Matthew Sultana li qrawlu poeżija fil-Katidral fil-jum tal-funeral tiegħu. Is-sinjura Antoinette Grech qrat ukoll xi poeżiji ta' dan il-poeta li ħalliena fl-għomor ta' 70 sena. Għal min ma kienx jafu biżżejjed, inqrat wkoll il-bijografija tiegħu.

## IL-JUM INTERNAZZJONALI TA' LSIEN PAJJIŻI UNESCO 2015

Nhar il-21 ta' Frar, l-Ufficcju tal-President ta' Malta u VersAghtini ppreżentaw 'Il-Malti ta' Kulħadd'. Dan il-festival ta' letteratura, mużika u djaletti sar taħt il-Patrocinju tal-E.T. il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, fil-Palazz tal-President il-Belt Valletta. Il-kantawtur Vince Fabri pprovda l-intervalli mużikali filwaqt li d-dħul mill-biljetti mar kollu b'risq il-*Community Chest Fund*.

# l-aħbarijiet

## IL-PREMJU INTERNAZZJONALI GĦALL-POEŻIJA "BRIDGES OF STRUGA" 2015

Dan huwa premju organizzat mill-*iStruga Poetry Evenings* u l-UNESCO u hu mmirat għall-aqwa l-ewwel ġabra ta' poeżiji ta' poeti i ma jkollhomx iktar minn 35 sena). Proġett bħal dan twaqqaf fl-2003 u jintrabat direttament mal-Jum Internazzjonali tal-Poeżija li jitfakkar fil-21 ta' Marzu ta' kull sena. L-għan hu li jistimula, jippromwovi u jafferma xogħlijiet ta' natura poetika bħala waħda mill-iktar espressjonijiet kreattivi u spiritwali sinifikattivi. Fost ir-rebbieħa ta' dan il-premju fil-passat hemm Angelo V. Suárez (il-Filippini), Andrea Cote (il-Kolombja), Marianna Geide (il-Federazzjoni Russa), Manua Rime (il-Belġju, Antonia Novakovic (il-Kroazja), Ousmane Sarrouss (is-Senegal), Siim Kera (l-Estonja), Hiroshi Taniuchi (il-Ġappun), François-Xavier Maigre (Franza), Nikolina Andova Shopova (il-Maċedonja) u Harry Man (Renju Unit). Iktar tagħrif fil-ħolqa: www.strugapoetryevenings.com.

## WOLE SOYINKA JSEMMA LEĦNU DWAR DAK LI SEĦĦ MILL-BOKO HARAM

Il-kittieb Niġerjan Wole Soyinka, rebbieħ tal-Premju Nobel għal-Letteratura fl-1986, minn dejjem kien impenjat fil-ħajja politika ta' pajjiżu. Qala' anki sentejn ħabs fi żmien il-gwerra tal-Biafra fi tmiem is-snin 60 u ġie kkundannat għall-mewt tliet snin wara u eżiljat taħt id-dittatura tal-ġeneral Sani Abacha. Din id-darba ma beżax jesprimi ħsibijietu dwar in-negliġenza tal-gvern ta' pajjiżu u dwar l-atroċitajiet li seħħew mill-Boko Haram. Huwa sostna li huwa qabel kollox bniedem u għalhekk quddiem dawn l-atti kriminali kontra l-umanità jħossu attakkat kemm bħala ċittadin Niġerjan kif ukoll bħala bniedem. Soyinka qal li r-responsabbiltà ta' dak li ġara mhix biss tal-gvern Niġerjan attwali imma anki ta' tmexxijiet imgħoddija li ħallew lix-*sharia* tiġi applikata bla ma għamlu xejn. Soyinka qal ukoll li l-"qawmien" tal-Boko Haram hija waħda barbarika u li ilha żmien twil li ħalliet warajha l-komunità tal-bnedmin. Fakkar li d-dmir tas-soċjetà ċivili hu li tassikura li dawk li qed iwettqu atti kriminali bħal dawn - inkluż is-serqa ta' għadd ta' tfajliet f'Chibok - iħallsu ladarba dan hu nuqqas kbir kontra l-umanità sħiħa.

## SE JIĠU PPUBBLIKATI XOGĦLIJIET BIL-FRANĊIŻ TA' KEROUAC

Id-dar tal-pubblikazzjoni fi Quebec *Les Éditions du Boréal* se jippubblikaw fir-rebbiegħa tal-2016 xogħlijiet li qatt ma raw id-dawl tal-kittieb Amerikan Jack Kerouac, miktubin direttament f'ilsienu, il-Franċiż. Il-ġabra, intitolata *La vie est d'hommage*, tinkludi l-bidu tar-rumanz twil *La Nuit est ma femme* u novella bl-isem ta' *Sur le chemin* (*On The Road*). Din tal-aħħar hi differenti mir-rumanz awtobijografiku bl-istess isem tal-1957. Interessanti hu l-fatt li Jack Kerouac twieled u trabba fil-komunità Franko-Amerikana ta' Lowell, f'Massachusetts. Huwa tgħallem l-ilsien Ingliż meta kellu sitt snin, imma baqa' jikteb bil-Franċiż anki wara li sar magħruf fil-qasam letterarju Amerikan.

## TMUT IL-POETESSA ELISE PARTRIDGE

Il-poetessa Elise Partridge mietet fil-31 ta' Jannar, f'Vancouver, fl-età ta' 56 sena, wara li fi Frar tal-2014 saret taf li ħakimha l-kanċer. Kien f'dak iż-żmien meta fehmet li *The Exiles' Gallery* kienet se tkun it-tielet u l-aħħar ġabra poetika tagħha. Elise Partridge, imwielda Tompkins, twieldet f'Philadelphia fl-1958. Hija studjat f'Harvard, Cambridge, u fl-universitajiet ta' Boston u tal-British Columbia. L-ewwel ġabra poetika tagħha kienet *Fielder's Choice* (2002). It-tieni ġabra, *Chameleon Hours* (2008), rebbħitha l-"Authors Assocation Poetry Award". *The Exiles' Gallery* se jiġi ppubblikat mill-*House of Anansi Press* f'April 2015.



**Il-poetessa Elise Partridge**

# reazzjonijiet

**Email mingħand Nazzarenu Zerafa (l-Awstralja), 14 ta' Novembru 2014**

Għażiż Patrick,

Wara li qrajt l-Editorjal ta' 'Il-Pont' ta' Novembru, illum xtaqt niffoka fuq l-ewwel parti tiegħu, fejn semmejt id-diversi anniversarji li ġew iċċelebrati f'Malta matul din is-sena, iżda ridt ninżel b'lenti aktar qawwija speċifikament fuq dak li ntesa li hu, t-80 sena minn mindu l-Malti ma baqax jitqies bħala ilsien inferjuri u ttella' għal-livell li jixraqlu. Nixtieq nagħti ġieh lil dawk il-pijunieri 'kittieba u poeti kbar bħal Dun Karm Psaila, Ġużè Chetcuti, Ġużè Delia, Anastasju Cuschieri, Ġużè Aquilina, Nikol Biancardi u bosta oħrajn' li int semmejt u li huma l-pilastri ta' lsienna.

B'kuntrast ma' dan, xtqat nikteb dwar artiklu interessanti li qrajt dan l-aħħar fil-magażin tal-websajt tal-BBC li jittratta dwar poplu li jrid li lsienu jmut miegħu u jogħsfor għal dejjem minn did-dinja. Il-ġurnalista Caroline Davies tibda biex tghid li mhux rari li nisimgħu b'attentati biex jiġu salvati ilsna li qed jogħsfru, iżda f'post uniku f'California rurali, ċerti Amerikani Indiġini attwalment iridu li l-ilsien imut magħhom għal kollox.

Dawn l-Amerikani Indjani indiġini huma mit-tribù tal-Maidu u sofrew immens u nħaqru krudilment għal tul ta' żmien minn min suppost kien 'iċċivilizzat'. Issa baqa' biss minnhom ħamsa li jitkellmu bil-lingwa oriġinali tagħhom u lkoll għandhom bejn is-87 u t-93 sena. Dawn l-imsieken ingħalqu fihom infushom u ma jridux jitkellmu aktar f'ilsienhom għax jassoċjawh ma' żminijiet diffiċli. Tul is-sekli l-awtoritajiet u dawk li kienu suppost imexxu ċivilment kienu offrew għotjiet u rigali ta' flus għall-qorgħan ta' dawn l-Indjani u fl-1852 kien ġie rrappurtat li l-gvern statali ta' California kien ħallas is-somma ta' miljun dollaru Amerikan lill-kaċċaturi tal-qorgħan!

Għalkemm wara, meta l-awtoritajiet bdew ġejjin ftit ftit f'sensihom u bdew jippruvaw jinkoraġġixxu l-assimilazzjoni tal-poplu ma' min kien ħadilhom arthom, ħafna minn uliedhom kienu sfurzati biex imorru l-iskola u jitgħallmu l-Ingliż waqt li ppruvaw innesuhom il-wirt kulturali tagħhom, iżda l-ħsara irrevokabbli kienet laħqet saret u l-fiduċja fl-awtoritajiet kienet kważi spiċċat fix-xejn u ma hemm l-ebda dubju li dan il-poplu tal-Maidu baqa' dejjem jgħix fil-biża' biex jerġa' jiftaħ qalbu.

Il-lingwa hija forza qawwija - tgħidilna Davies - aktar minn biss kliem, il-lingwa taf tikkomunika kif taħsiba komunità, kif ukoll l-attitudni u l-prioritajiet tagħha. Il-poplu Maidu u gruppi oħra li qegħdin fi għlieda biex iżommu l-identità tagħhom jaħsbuha darbtejn biex jaqsmu l-qofol ta' dak li jagħmilhom dak li huma. L-ilqugħ lingwistiku huwa wieħed mill-ftit difiżi li baqgħalhom biex jagħlqu lill-bqija tad-dinja barra.

F'għeluq l-artiklu tagħha, Davies tistaqsi: Waqt li l-konfini reġjonali qed jiċċajpru u l-għarfien jinxtered madwar id-dinja f'ħakka t'għajn, qed insiru aktar għorrief jew qegħdin sempliċiment nakkumulaw il-fatti? Fi żmien ta' informazzjoni tal-massa, l-għażla tal-Maidu turi ċar li mingħajr fiduċja u impenn, għarfien ta' valur u fehim jafu jintilfu għal dejjem.

Tħassarthom u bkejthom lil dawn in-nies u għaraft u apprezzajt ferm aktar il-ħila, ir-rieda, id-determinazzjoni, l-isfidi li ħabbtu wiċċhom magħhom, kif ukoll l-isforzi strutturali ta' dawk il-kittieba u poeti kbar, kolonni tal-Ilsien Malti. Apprezzajt ferm aktar ukoll l-espressjoni artistika u lingwistika tagħhom u l-fiduċja u t-tama li wrew f'Ilsienna u fil-poplu Malti.

Tislijiet sinċiera u mill-qalb,
Nazzarenu

**PS: L-artiklu oriġinali jista' jinqara fil-ħolqa:**
**http://www.bbc.com/news/magazine-29804445?print=true**



# l-intervista

## Joe Zammit Tabona




**Meta u fejn twelidt? X'tifkiriet għandek ta' tfulitek? Il-post fejn twelidt u trabbejt kemm influwenza lil kitbietek?**

Twelidt il-Furjana fl-1928. Tfuliti kien żmien sabiħ. Batejna fil-gwerra però ma miet ħadd mill-familja. Il-post fejn trabbejt ma kellu ebda effett fuq il-kitba tiegħi.

**Liema huma l-poeti Maltin imma anki barranin li ħallew marka fuqek? Għaliex?**

Dun Karm, Ġorġ Pisani, Rużar Briffa u Anton Buttigieg u anki, fil-proża l-aktar Ġużè Aquilina. Ix-xogħol tagħhom laqatni ħafna. Fit-Taljan, Dante, Petrarca u l-moderni.

**Inti avukat bħala professjoni. Kif tirrikonċilja x-xogħol ta' avukat mal-kitba tal-poeżija?**

Għalija l-professjoni ta' Avukat m'għandhiex x'taqsam mad-don poetiku.

**Naf li għandek bosta poeżiji li huma ispirati mill-belt tal-Imdina. Minn fejn ġejja din in-namra ma' din il-belt medjevali?**

Għalija l-Imdina hija l-aqwa wirja ta' Malta bħala Belt – għandha ċertu 'gravitas' speċjali u jinħass il-qedem – bi storja u pożizzjoni unika. Fil-gwerra għaddejt is-snin anki fil-kulleġġ ta' St Edwards, illum is-Seminarju. Kelli ħafna ħbieb.

**Inti tikteb kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. X'inhu s-sabiħ ta' dan?**

Donnu skont is-suġġett, il-lingwa tfawwar l-għażla tal-ispirazzjoni. Żewġ ilsna jiġbdu aktar konjizzjoni tal-Belt qadima.

**Qatt ktibt versi ta' protesta soċjali jew ambjentali? Huma dawn biss li jagħmlu poeta relevanti?**

Qatt ma ktibt versi ta' protesta soċjali jew ambjentali. L-arti tal-poeti hija wisq aktar minn dan il-livell ta' ħsieb. Il-poeżija vera hija dwar il-mewt, l-eternità, il-ġmiel, il-qosor tal-ħajja, in-natura – fl-ogħla ħsibijiet dwarhom.

**Fil-kitba tal-poeżija l-għażla tiegħek hija l-forma regolari u tradizzjonali. Għaliex dan? Fuq kollox għaliex l-imħabba partikolari lejn is-sunett?**

L-għażla tal-forma hija tradizzjonali, u għalhekk klassika. Il-prosodija treġi. Il-Prof. Aquilina jirritjeni illi ħsibijiet espressi fil-forma rettangolari, merament hekk, ma jagħmlux poeżija xierqa, "ma tkunx poeżija imma Karnival". Dejjem ħabbejt is-sunett – Shakespearjan u Petrarkjan; oltre ta' Dun Karm, naf tużżana bl-amment, li qatt ma nsejthom.

**X'taħseb dwar il-kontribut tal-Għaqdiet tal-Malti f'rabta mal-qasam tal-poeżija?**

Il-kontribut tal-għaqdiet kbir ħafna, u hu uniku għall-poeżija; għad baqa' ħafna xi jsir. Proża jaqraha kulħadd; il-poeżija hija dejjiema, għall-intellettwali. Il-livell ta' dan hu kkunsidrat baxx ħafna.

**Xi tgħid dwar ir-relazzjoni li l-kittieba u l-poeta għandhom bejniethom hawn Malta? Tista' tkun aħjar? Kif?**

Miexja 'l quddiem, però bħall-bebbuxu. Tista' tkun ferm aħjar; però wieħed mhux kontra l-ieħor u hemm spazju għat-tnejn. Hemm bżonn ċentru kulturali li jħaddan it-tnejn.

# l-intervista kont...

**Taqbel li ġeneralment il-poplu juri apatija lejn il-poeżija? X'hemm wara din l-apatija u x'jista' jsir biex is-sitwazzjoni titjieb?**

Naqbel tassew li l-poplu juri apatija lejn il-poeżija. Dan nafu tajjeb għax "tagħti b'xejn rari, bi ħlas kważi xejn" – il-poeta dejjem tellief.

**Il-versi tiegħek jintrabtu spiss mal-Imdina, imma jittrattaw ukoll waqtiet differenti minn tiġrib il-bniedem. Xi tgħid dwar dan?**

L-Imdina tal-lum hija bint il-Qadima, b'dak kollu li ġarrbet tul is-sekli, u l-miljuni ta' snin. Kulħadd qisu qatt ma kien, kulħadd!

**Temmen li l-internet jista' jagħti daqqa t'id fit-tixrid tal-imħabba lejn il-poeżija?**

Iva, nemmenl ħsieb siewi ħafna. Pass urġenti.

**Kif inhu Joe Zammit Tabona bħala karattru? X'jagħmel fil-ħin liberu tiegħu?**

Inħossni ħabib ta' kulħadd; anki ta' dawk li jirrispondu l-kuntrarju bla ma naf għala! Spiss mistieden, kotba interessanti, il-gazzetti u l-poeżija: żewġ kotba aħħarija dalwaqt lesti.

**Proġetti għall-futur?**

Dwar proġetti għall-futur, kollox f'idejn Alla! "Issa mexxini Int, ja Dawl tas-Sema!".

**LILL-IMDINA MONUMENTALI**

Elf darba mbierek min ra l-ġmiel ta' ruħek
u lemaħ f'qalbu ġdid qedem żgħożitek,
maħbub mis-sema dak li jarġa' jżurek
u jilbes sħiħa l-qawwa ta' kburitek;

Jilbes id-dehen ta' wliedek u l-qlubija,
l-imħabba tagħhom għas-sabiħ, ilħiħa,
l-għażla ta' fehma safja, illum minsija,
u t-tama fis-Salib fl-Emmna mistrieħa;

Tal-ħajja jqis is-siwi, il-ħolm għaddieni,
li l-bniedem hawn għarib, band'oħra daru,
fik jara mafkar minn ta'ġens ewlieni,
li ħabbejt ilu u kif ma' jiemhom taru;

Hemm bl-ogħna qima għalik u għat-tagħlima,
mill-qalb ta' kull imsaħħar it-tislima.

**(Mill-ġabra ta' poeżiji *Qniepen l-Għaxija*, ta' Joe Zammit Tabona, BDL Ltd., 2014)**

**Pubblikazzjonijiet oħra ta' Joe Zammit Tabona:**

*Collected Poems*, 1994;
*The Mdina Lyrics and other collected poems*, 1998;
*A Songbook for Mdina*, 2000;
*L-Għanja tal-Imdina*, 2003;
*A Songbook for Mdina - reprint with additional poems*, 2007;
*Is-Serqa ta' San Ġiljan*, 2013.



**LILL-IMDINA MONUMENTALI**

# ir-rakkont

Mary Chetcuti



**Il-ĦABIBA TIEGĦI DORRIS**
**(Dedikata lill-ħbieb tagħna l-annimali biex inħobbuhom dejjem u ma naħqruhom qatt)**

Dorris daħlet f'ħajjitna bl-aktar mod drammatiku li tista' timmaġina.

Kien l-10 ta' Awwissu, nhar San Lawrenz tal-1993, kienet ġurnata  minn dawk tipiċi tas-sajf Malti – sħana liema bħalha u riħ isfel.  Kelli t-twieqi u l-bibien tal-bejt kollha miftuħin beraħ biex forsi tidħol farka żiffa fejn għandi l-kċina.  Fil-ħemda u t-telqa ta' waranofsinhar kmieni nisma' karba ta' qattus żgħir ġejja mill-'Ġnien Belvedere' li jagħti fuq wara tad-dar tagħna. Ħriġt fuq il-bejt fix-xemx tisreġ biex nittawwal u ngħarrex ħalli nara minn fejn ġej dan il-krib ta' disperazzjoni.

Fid-daqqa u l-ħin nilmaħ żewġ subien ta' madwar għaxra u ħdax-il sena mxabbtin mal-funtana ta' nofs il-ġnien u indunajt li l-għajat ġej minn hemm.  Jiena għajjatt biex niġbdilhom l-attenzjoni u kif semgħuni nħasdu u bħal tgerfxu.  Refgħu xi ħaġa żgħira mill-funtana u bħal ippruvaw jaħbuha.

Jiena mill-ewwel bsart x'inhu jiġri u ġrejt b'kemm kelli saħħa lejn il-ġnien.  Mort fuqhom u rajthom ipoġġu ferħ ta' qattus imxarrab għasra ma' zokk fil-baxx ta' siġra taż-żebbuġ.  Staqsejthom x'se jagħmlu biha u pronti qaluli li ġabuha fil-ġnien għax ommhom ma ridithiex id-dar.  Tlabthom biex jagħtuhieli u kienu pronti tawhieli f'idejja u dabbru rashom jiġru mifxulin u miksurin.

Għollejtha f'idejja biex naraha sew.  Kellha zaqqa bajda u darha griż irrigat b'maskla rrigata griża f'wiċċha u tlett itbajja' kulur differenti fuq imneħirha.  Imma l-aktar ħaġa li mpressjonatni kienu għajnejha – par għajnejn ta' kulur aħdar tal-iżmeraldi li qatt ma kont rajt bħalhom.  Nista' ngħid li f'wiċċha kważi kważi ħlief dawk l-għajnejn kbar iħarsu bil-ħniena lejja ma rajtx.  Hi baqgħet iggranfata miegħi u tħares lejja b'dawn l-għajnejn qisha trid tgħidli, "Inti se tagħmilli l-istess bħalma ppruvaw jagħmluli dawk it-tfal kattivi?" Qalbha bdejt inħossa tħabbat sitta sitta mal-pali ta' jdejja avolja ma tħarkitx biex tipprova taħrab.

Tlajt lura biha d-dar u qgħadt nixxuttaha mill-ilma u fl-istess ħin immellisha bl-istess xugaman sakemm ikkalmat u bdiet turini li qed tafdani u tagħmel dak il-ħoss tant ħelu li jagħmlu l-qtates minn griżmejhom biex juruk kemm huma kuntenti.

It-tfal kif rawha ġġennu fuqha u riduni nżommha maż-żewġt iqtates li diġà kellna d-dar.  Għidtilhom li l-ewwel irridu nsibulha isem u fil-pront wiġbuni li la salvajtha mill-għarqa għandna nsemmuha Mosea!  Dħaqt bil-qalb u ggustajthom lil uliedi li mill-ewwel ħarġu l-ispunt pożittiv minn sitwazzjoni drammatika.  Fl-aħħar iddeċidejna li nsemmuha Cindy u biex ngħid hekk seħħet l-adozzjoni ta' din il-ferħa fil-familja tagħna.

Cindy mill-ewwel daħlet fih ir-rwol ta' membru tal-familja tagħna.  Kienet qattusa fidila immens, taf tinħabb u fuq ruħha bħal kull ferħ ta' qattus b'saħħtu... ħlief għal ħaġa waħda biss.  Bdejna ninnutaw li meta nsejħulha b'isimha ma bdietx tagħti kasna!  U wara ftit jien qbadt vizzju nsejħilha Dorris, bl-ittra 'r' mtawla, u immedjatament tweġibni bil-lingwa tagħha u b'dik il-ħarsa ħelwa tagħha.  Mela allura, irraġunajt jien, din il-qattusa kien qed jogħġobha l-isem ta' Dorris minflok dak ta' Cindy, li hi min-naħa tagħha kienet qed tinjorah għalkollox.  Fl-aħħar iddeċidejna li nibdlulha isimha għal dak li kienet qed tippreferi hi, cioè Dorris.  Kienet kapaċi tagħżel isimha hi stess!

U bħal kull ħaġ'oħra tul ħajjitha, Dorris urietna li

# ir-rakkont kont...

kienet qattusa unika u bl-intelligenza straordinarja li taqbad 'parlata' miegħi - jiena nkellimha u hi tweġibni b'"miaw" għal kull ħaġa li ngħidilha. Kienet qattusa qalbha tajba wkoll, dejjem marret tajjeb mal-qtates l-oħra li kienu d-dar qabilha u dawk li ġew warajha. Qatt ma girfet jew gidmet lil ħadd u qatt ma kellha l-ħila toqtol imqar dubbiena! Sintendi, fiż-żgħożija tagħha kien fiha tagħha wkoll u ma kenitx tixba' tilgħab b'xi ballun jew xi qafla u kienet imqarba u tagħmel xi praspura minn tagħha wkoll! Fix-xhur sħan tas-sajf kienet taqbeż minn fuq l-apramorta għal fuq is-saqaf tal-gallarija tagħna u ħalli għalina nfittxuha mad-dar kollha sakemm fl-aħħar sibna l-moħba tagħha. Tista' mhux twiddibha u tirrabja magħha għax baqgħet taqbeż fuq il-gallarija sakemm għadda ż-żmien u ħadet id-deċizjoni waħedha li m'għadhiex tiflaħ tagħti l-qabża biex tinżel u titla' lura. Għalhekk bdiet tgħaddi l-ġranet sħan tas-sajf taħt xi biċċa għamara fejn ikollha naqra frisk.

Iż-żmien beda għaddej ġmielu u Dorris bdiet tikber u tixjieħ. Qabditha l-artrite f'idejha u aktar ma daħlet fiż-żmien aktar bdiet tbati b'kundizzjonijiet ta' saħħitha assoċjati max-xjuħija fil-qtates. Mandanakollu xorta baqgħet b'dak il-karattru kalm u ħelu tagħha sakemm bħal kull ħolqien li jieħu l-ħajja jrid imut... u hekk għamlet Dorris tagħna. Mietet fis-skiet tal-lejl fil-qoffa tagħha ftit ġranet qabel il-festi tal-Milied.

Dfinniha fl-istess ġnien fejn sbatax-il sena u nofs qabel kont salvajtha minn mewta kerha mgħarrqa fl-ilma tal-funtana li hemm f'nofs il-ġnien.

Bdilnilha d-destin tagħha u tajnieha l-opportunità li tgħix magħna. Tajnieha ħajja feliċi fejn kienet maħbuba minn kulħadd. Hi tatna ferħ, imħabba bla qies u gratitudni bla tmiem talli salvajnilha ħajjitha u lqajnieha f'darna u fi qlubna.



**RIFLESSJONI FIL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

Poeta waħdi kont f'dik il-lejla xitwija
fuq banketta msewsa ħarsti mixħuta fl-art
idejja mdawra ma' rasi ridt nagħsar minnha
ħsibijiet u dwejjaq ta' jiem imgħoddija.
Poeta waħdi bqajt bennint lili nnifsi
mat-tokki tal-qniepen 'il bogħod
li lanqas taw kas id-diqa ta' bniedem
ifittex serħan.
Iżda x'ħin ftit kuraġġ ġegħelni nħares 'il fuq
ilmaħt kurċifiss ċkejken imdendel mal-ħajt
ftakart f'dak il-bniedem li bħali kien waħdu
fiq-dieq u t-tbatija.
Minn fuq il-banketta jien qomt u tmattart
ersaqt biex mill-qrib inħares f'għajnejn il-mislub
ħadt nifs fil-fond imtlejt b'kuraġġ ġdid
x'ħin intbaħt li...
Poeta waħdi ma bqajtx.

**RITA DEBONO MUSCAT**

**DIJADEMA**

... għax minn dejjem sibt problema
biex insawwar dijadema
ħalli biha nersaq lejk,
u għal dejjem nibqa' ħdejk.

Ħassejt dejjem qalbi treqq
biex ikolli waħda xierqa
tad-deheb fin jew fidda tleqq.

Imma xejn ħlief fildiferru
ma rnexxieli qatt insib,
u suritha tonda tonda
ma rnexxieli qatt inġib.
Terġa' mbagħad beda, ftit ftit,
fuqha jidher is-sadid.

Madankollu nemmen sħiħ
li f'dirgħajk beraħ tilqagħni
meta ħdejk għada tarani,
mhux għall-ġmiel tad-dijadema
imm'għax taf li kelli l-fehma.

**CARMEL G. CAUCHI**




**L-EROJ LI MA KIENX ta' Joseph Vella, 2014.**

Dan huwa l-ewwel rumanz ta' Joseph Vella. Jifrex fuq 230 paġna, għandu Daħla mill-awtur stess, u jinqasam fi 32 taqsima, iktar milli kapitli. Diġà mid-Daħla Joseph Vella jurina kemm hu midħla taż-żmien storiku li jikteb dwaru, kif ukoll tal-ilsien Malti. Permezz ta' Malti miktub b'sengħa kbira, Vella jirnexxilu jfakkarna kemm hija importanti l-Istorja ladarba hija għalliema li mhux ta' min inwarrbuha. L-Istorja tgħallimna nirrispettaw lil dawk ta' qabilna u fl-istess ħin tifthilna għajnejna biex ma nirrepetux żbalji fatali. Vella stess jikteb li bosta mid-deskrizzjonijiet li nsibu f'dan ir-rumanz huma "bbażati fuq rakkonti ta' min xehed u ġarrab dawk iż-żminijiet tassew mudlama." Dan jikxef il-fatt li Vella huwa qarrej assidwu ta' rakkonti reali kif ukoll mistħajla ta' bosta rakkonti tal-Gwerra.

**Il-ġrajja:**
Sa mill-ewwel taqsima nifhmu li min qed jikteb (in-narratur ewlieni) huwa l-bużneputi tal-awtur tad-djarju tal-Gwerra l-Kbira, Kustanz Magro (in-narratur sekondarju). Fil-preżent (is-sena 2011) in-narratur ewlieni huwa anzjan b'kanċer terminali imma li jinħakem minn kurżità kbira biex jikxef ir-rakkont li hemm moħbi fil-pakkett (f'għamla ta' djarju u ta' għadd ta' ittri) li wiret mingħand iz-ziju t'ommu, ħu Kustanz stess. Dan in-narratur ewlieni dwaru nnifsu jikteb, "jien li jiena nnifsi kelli nisfa' ltim minn ommi proprju dakinhar ta' twelidi, u minħabba gwerra oħra li ma damitx ma segwiet lil ta' qabilha. Proprju jien, li ċ-ċaħda kelli ngħixha matul il-mumenti kollha ta' ħajti." (p. 222)

Tissemma ħafna l-ironija tad-destin li laqqa' lil Kustanz Magro ma' min qed jirrakkonta biex fl-aħħar jinkiteb ir-rakkont, minkejja d-distanza fiżika u temporali (ladarba Kustanz ilu mejjet mis-sena 1917).

In-narratur ewlieni diġà minn paġna 53 jixħet dawl fuq il-fatt li dan ir-rakkont ta' Kustanz se jkun wieħed traġiku, mela żmien il-għasel intemm. Aktar kemm wieħed jaqra aktar jifhem li l-gwerra hija biċċerija u qirda tal-imħabba, tal-ħajja, tal-bniedem. Minkejja li t-Tedesk hu l-għadu, Kustanz ma jobogħdux għax jaf li qegħdin fl-istess sitwazzjoni. Din li jirrakkonta Vella hija storja umana, mimlija bi ħsus umani ta' kull tip: xewqat, beżgħat, dmirijiet, twegħir, ġibdiet, tentazzjonijiet, ħajja u mewt. Hekk id-djarju ta' Kustanz, kif jgħid in-narratur ewlieni, jinbidel "f'mera tat-taħdita interna f'moħħ u ruħ Kustanz [...] Jew saħansitra l-esternizzazzjoni tal-vjaġġ ta' ruħu." (p. 131)

Kustanz jikteb direttament mit-trunċieri dwar l-assurdità tal-gwerra li torbot u tħoll ħbieb u għedewwa skont iċ-ċirkostanzi. Hemm it-taqsima "Il-Ħamrija Tilqa' Kollox", fejn naqraw iktar ħsibijiet profondi dwar is-sabiħ tal-ħolqien u l-ħela tal-Gwerra.

Imbagħad fit-taqsima "It-Tbatija tal-Misteri" naqraw b'ħolma-inkubu li n-narratur ewlieni jkollu minħabba l-ħakma li għandhom fuqu d-djarju u l-ittri ta' Kustanz. Dan in-narratur qarib ta' Kustanz hu anzjan li jinsab f'sitwazzjoni simili għal dik tas-suldat Malti waqt il-Gwerra l-Kbira: il-biża' tiegħu hu li jiġi nieqes qabel ma jasal biex iwieġeb bosta mistoqsijiet li tnisslu f'rasu.

Il-biża' bħala motiv jerġa' jixref iktar 'il quddiem, fejn Kustanz jikteb li meta jkun waqt xi battalja fil-front jipprova jaħbi l-biża' tiegħu; hawn jirreferi għal taqbida li kienet isseħħ fih u li kien dejjem jirbaħha bi sforz kbir. Lil Kustanz imissu wkoll il-waqt meta jiġi midrub, u dan waqt il-Battalja tas-Somme: kien il-ħsieb ta' martu u wliedu li tah is-saħħa u d-determinazzjoni sabiex jibqa' ħaj u jitkaxkar bi tbatija kbira lura lejn it-trunċieri tal-Alleati. Fuq naħa l-qtil, il-waħx, il-mewt kull sekonda; fuq l-oħra l-ħsus ta' Kustanz bħala missier, miżżewweġ, ħu Ġanmari u ħabib. Huma dawn tal-aħħar li jsostnuh meta l-kuraġġ u t-tama jkunu se jaħbtu jħalluh.

Minn ittra ta' Ġużeppa lil Kustanz nagħrfu wkoll it-tbatija anki emozzjonali u psikoloġika li kellhom jgħaddu minnha n-nisa tas-suldati.

In-narratur ewlieni jfakkarna li għalkemm fil-waqt li qed jaqra l-ittri u d-djarju ta' Kustanz, Kustanz ilu mejjet deċennji sħaħ, xorta waħda bħal donnu Kustanz għadu ħaj. Hawn l-idea tal-i*scripta manent*, il-kelma miktuba li tibqa' (p. 212).

Element tematiku ieħor f'*L-Eroj li ma Kienx* huwa t-twemmin Nisrani ferventi ta' Kustanz, minkejja l-infern li sab ruħu mitfugħ fih. Tweġiba b'saħħitha li Kustanz Nisrani jagħti lil suldat ieħor għall-mistoqsija, "Fejn hu Alla tiegħek f'dan kollu?", hija, "Mhux fejn abbadunajnieH aħna?" (p. 219)

Ladarba Kustanz jgħib u jintemm ir-rakkont tiegħu, bl-aħħar entratura fid-djarju tiegħu ġġib id-data tat-30 ta' Novembru 1917, jerġa' jieħu r-rakkont f'idejh in-narratur ewlieni. Huwa hawn meta r-rumanz jieħu xejriet tat-trattat għax jiddiskuti bosta aspetti importanti fil-ħajja tal-bniedem. Fl-aħħar taqsima, wara li n-narratur ewlieni jippreżentalna għadd ta' statistiċi, jistqarr direttament li wisq probabbli l-Gwerra l-Kbira seħħet biss għal raġunijiet ta' flus u profitti min-naħa tal-klassijiet l-għolja. Mela *L-Eroj li ma Kienx* huwa anki twissija biex iż-żgħir joqgħod attent mill-kbir u ma jerġax jaqa' fin-nassa. Kemm hu minnu dan u kemm japplika għalina tal-preżent!

**Stil u struttura:**

In-narrazzjoni fil-każ tan-narratur ewlieni u tan-narratur sekondarju hija fl-ewwel persuna singular maskil. Spiss in-narratur ewlieni jindirizza lill-qarrejja direttament permezz ta' "intom". Dan ta' Joseph Vella huwa rumanz epistolari ladarba partijiet minnu huma msejsa fuq għadd ta' ittri li Kustanz jikteb lil martu Ġużeppa jew lil ħuh Ġanmari u oħrajn li huwa jirċievi mingħand dawn it-tnejn jew xi ħbieb oħrajn. Partijiet oħrajn tar-rumanz jieħdu l-forma ta' entraturi fid-djarju personali ta' Kustanz, kollha ddatati. L-ewwel entratura fid-djarju hi dik tat-2 ta' Marzu 1914 u l-ewwel ittra ta' Kustanz (li kien fl-Ingilterra) kienet indirizzata lil martu u ddatata 3 ta' Marzu 1914. L-entraturi fid-djarju u l-kontenut tal-ittri huma miġjubin fil-korsiv. Apparti leħen in-narratur ewlieni u dak sekondarju, xi drabi għalhekk il-leħen narranti jkun dak ta' Ġużeppa, mart Kustanz, jew ta' Ġanmari, ħuh. F'dawn l-ittri u fid-djarju joħorġu l-karattru ta' Kustanz, ħsusu u ħsibijietu, 'il bogħod minn art twelidu. Naqraw ukoll siltiet minn gazzetti tal-epoka tal-Gwerra l-Kbira, miġjubin direttament fl-ortografija taż-żmien. Dan ikompli jagħti sens ta' awtentiċità lir-rakkont.

Dan hu anki rumanz b'element didattiku qawwi. Jingħata tagħrif qasir dwar il-ġurnali differenti li kienu joħorġu – bil-Malti, bl-Ingliż u bit-Taljan, fi żmien meta Malta ġiet ittrasformata fi sptar kbir f'nofs il-Mediterran għas-suldati Alleati midruba. Insibu tagħrif dwar tal-bambott u tal-gadraj. Id-deskrizzjoni pjuttost umoristika tal-ġlieda bejn dawn iż-żewġ fazzjonijiet ta' bejjiegħa fil-Port il-Kbir fl-ittra ta' Ġanmari lil ħuh isservi bħala serħan mit-tensjoni tal-epoka. Spiss Vella jfakkar li l-gwerra, minkejja l-patrijottiżmu u l-fervur tal-bidu, ħalliet warajha bosta romol, orfni u qirda ta' wlied.

L-element didattiku jerġa' jinħass meta naqraw li "Aħna l-prodotti tal-bieraħ, u l-produtturi ta' għada." (p. 217) Permezz ta' dak li ħallewlna ta' qabilna aħna tal-lum għandna nimxu 'l quddiem.

Strutturalment *L-Eroj li ma Kienx* hu mibni fuq alternanza bejn siltiet sħaħ jew parzjali mid-djarju jew mill-ittri varji, u l-kumment-riflessjonijiet tal-leħen narranti (in-narratur ewlieni). Xi drabi, għalkemm mhux dejjem, l-ittri jinqraw kronoloġikament, mela nsegwu kważi jum b'jum il-vjaġġ ta' Kustanz lejn il-Front u l-waqt tal-prova. Hemm drabi oħra (bħalma jiġri f'paġna 86) meta għal waqt in-narratur ewlieni jaqbeż mis-sena 1914 fid-djarju għas-sena 1917, mela xi tliet snin wara, biex jurina x'bidla ġabet il-Gwerra f'Kustanz. Fiha nnifisha din hija tip ta' prolessi (*flashforward*). Dan

iserrħilna rasna li Kustanz irnexxielu jissopravivi għallinqas tliet snin. Aktar kemm naqraw aktar nindunaw li l-ittri ma jibqgħux jinġiebu f'sens kronoloġiku, imma skont is-suġġett li n-narratur ewlieni jkun qed jittratta.
Lingwistikament Vella juża Malti b'taħlita adatta tas-Semitiku u r-Rumanz, mela ta' elementi ġejjin mill-Għarbi u oħrajn mit-Taljan. Bosta drabi juża wkoll għadd ta' termini militari li jġib direttament fl-Ingliż imma eżatt wara jfiehem xi jfissru bil-Malti. Il-Malti Semitiku jispikka ħafna fl-użu ta' nomi mimmati bħal "mgħawma" (post mgħarraq bl-ilma u t-tajn), "maqtel" (post fejn jinqatlu l-eluf), jew "milwiema" (mimlijin ilma).

Hemm ukoll drabi meta r-rakkont jiġi mżewwaq bi skizzi biex Kustanz jispjega aħjar dak li dwaru jkun qed jikteb, bħal per eżempju fil-każ tal-periskopju jew tat-tank tal-gwerra.

Parti mill-kontenut tar-rumanz huwa magħmul minn poeżiji. L-ewwel waħda li naqraw hija silta mill-poeżija tal-poeta-suldat Wilfred Owen, *Strange Meeting*, miktuba fl-1918. Hemm ukoll siltiet minn għanjiet ta' żmien il-Gwerra. Imbagħad hemm numru ta' poeżiji jew versi ta' riflessjoni li Kustanz jikteb f'diversi okkażjonijiet, bħal dik li jikteb f'għamla ta' kwartini f'Lulju tal-1916 dwar il-ħafna kadavri li kien jara madwaru. Poeżija oħra ta' Kustanz jisimha *Lil Ommi* miktuba f'Novembru 1916. Fuq naħa hemm ir-rabta tal-iben mal-omm, fuq l-oħra l-preżentiment tal-mewt fil-qrib.

Hemm preżenti wkoll il-ħsibijiet u l-ħsus tan-narratur ewlieni waqt li qed jaqra l-kontenut tal-pakkett li wiret. Dan in-narratur ewlieni (il-"jien" numru 1) b'hekk isir parteċipant attiv fil-ġrajja ta' Kustanz. Lejn tmiem ir-rumanz jikteb, "Kont ili nħoss għal Kustanz, kont ili nixtieq indaħħal id waħda fid-djarju, kieku stajt, u nerfgħu b'ġentilezza, fil-keffa t'idi, u nqiegħdu lura fi ħdan familtu kif kien ikun sewwa u xieraq għalih u għalihom." (p. 222)

Element stilistiku ieħor li Vella juża iktar minn darba huwa l-ewfemiżmu: minflok isemmi l-kelma "mewt" Kustanz jikteb hekk dwar ħbiebu li mietu, "Is-Sur Harry u sħabi l-oħra, bl-eċċezzjoni ta' Andy, kollha kien intemmilhom il-vjaġġ u għaddew għal ħajja aħjar." (p. 196) L-ewfemiżmu jerġa' jitħaddem fl-aħħar żewġ linji tat-taqsima "Il-Lejl Mudlam tar-Ruħ", meta naqraw, "L-aħħar entratura fid-djarju ta' Kustanz kienet dik tat-30 ta' Novembru 1917." Dak li għal żmien twil kien iħoss ġej fuqu Kustanz fl-aħħar iseħħ u f'daqqa waħda. L-għajbien ħesrem ta' Kustanz mix-xena ma jħallix ħin għall-qarrej biex jibkih. Dan ikompli jinsisti fuq il-fatt li *L-Eroj li ma Kienx* hu rumanz iktar realistiku, milli patetiku.

**Konklużjoni:**
F'*L-Eroj li ma Kienx* naqraw dwar il-ġrajja ta' bniedem ordinarju (wieħed minn miljuni) li sab ruħu f'ċirkostanzi straordinarji u b'hekk ma baqax daqstant ordinarju. (p. 134) Nistħajjel li Joseph Vella kiseb bosta tagħrif mill-ħafna kotba li matul snin twal qara anki f'ilsna oħra f'rabta mal-Istorja u l-gwerra. L-interessanti huwa kif irnexxielu minn dan kollu jibni rumanz strutturat tajjeb f'ilsienna, xogħol li fih juri ħakma tajba ferm tal-Malti tant li d-deskrizzjonijiet jinqraw b'mod mexxej u naturali għall-aħħar. Is-sabiħ huwa wkoll il-fatt li permezz ta' dan ir-rumanz - aktarx uniku għax hu biss hu xogħol lokali ambjentat fi żmien il-Gwerra l-Kbira? - jinħoloq pont ta' komunikazzjoni dirett bejn in-narratur ewlieni u Kustanz, imma anki bejn il-qarrej u n-narratur ewlieni u Kustanz minkejja li bejn il-preżent u l-imgħoddi (Kustanz fit-trunċieri) hemm spazju temporali ta' mitt sena.

Dan hu wkoll rumanz tweġiba għal min jemmen li biex tikteb xogħol li jintgħoġob jeħtieġ juża lingwaġġ, deskrizzjonijiet u xeni maħmuġin, mimlijin sess u oxxenità. Minn dan kollu *L-Eroj li ma Kienx* m'għandu xejn. Anzi, hawn Vella jerġa' jfakkar li hemm valuri li għad għandhom importanza ewlenija, iktar u iktar illum f'soċjetà materjalista u aktarx korrotta; valuri bħalma huma l-għożża tal-familja, it-twemmin f'Alla, il-lealtà fiż-żwieġ u lejn il-patrija, ir-rispett lejn il-proxxmu – saħansitra fuq il-kamp tal-battalja, ir-rispett lejn u l-apprezzament tal-ħajja umana, u anki lejn dawk li ġew qabilna billi la ninsew lilhom u lanqas dak li ġarrbu.

Fl-aħħar nett ta' min jgħid li wara xogħol letterarju bħal dan hemm ukoll Joseph Vella l-istudjuż ħassieb u anki għalliem tal-Malti.

**PATRICK SAMMUT**

# il-poeżiji

**LIL DUN ĠORĠ MERCIECA**
**(Dun Ġorġ Mercieca ħalla din id-dinja fil-21 ta' Jannar 2015)**

Għalkemm ħallejtna nibku t-telfa tiegħek
ġo qalbna post għal kenn għalik ħejjejna,
fejn m'hemmx uġigħ u ebda lejl ma jdallam,
fejn it-tbatija, il-qtugħ il-qalb, burraxki,
jgħerqu fix-xejn ta' baħar mimli mħabba.
Għax bħaż-żernieq li jgħammex jaħsad kliemek
u jdawwal lil ħajjitna fost id-dalma,
qawsalla tal-ilwien il-poeżija.
Għax int sibtilna għanja ġdida; tferraħ
lil kull min jisma', tqanqal bħal sajjetta.
U kont kull darba tqiegħed ġabra fjuri
li t-tempju jfewwaħ fuq l-altar ta' qlubna.
L-għeġubijiet tal-ħajja bdejt ittenni
u xxerred dawl ix-xemx fuq wiċċ ħaddieħor.
Għalkemm mhux ser narawk b'għajnejna aktar
l-ispirtu tiegħek jibqa' jindukrana
bil-ħarsa ta' missier, bil-wens mimlija.
Ma nfittxukx biss fis-sħab ta' kull tifkira
fejn nistgħu issa inħossu t-telfa tiegħek,
narawk mill-ġdid kull darba f'att ta' ħniena
f'dak li ħaddieħor warrab, is-sbuħija,
l-eternità fit-ton tal-melodija.
Int tibqa' lilna tnebbaħ bl-għanja tiegħek
biex sbieħ il-jum nibdewh b'idejn miftuħa
inwieġbu għall-imħabba u għall-qlubija,
sakemm xi darba għad flimkien niltaqgħu,
hemmhekk fejn ma tibqax il-firda tirbaħ
id-dmugħ minn fuq ħaddejna tixxuttalna
u fejn ma nitilfukx minn fostna aktar.

**ALFRED GRECH**

**IL-BNIEDEM LI BAQA' MIDNEB**

Din hija l-mistoqsija,
li nistaqsu aħna l-bnedmin,
Għalfejn teżisti t-tbatija?
Inħabbtu wiċċna magħha kull ħin?

Ġesù mhux għalhekk ġie fostna
biex jeħlisna lkoll mid-dnub?
Imm'għaliex il-bnedmin baqgħu
b'dik il-bruda fil-qlub?

Fil-bniedem, il-paċi qatt ma ssaltan,
għax jaħseb li d-dinja miegħu ddur,
b'naqra poter dlonk jitkabbar,
u rasu bl-għanqbut tibda tfur,
jinsa li fix-xbieha ta' dak t'hemm fuq,
huwa bħall-oħrajn, maħluq,

jibda jagħmel li jrid,
jistħajlu ta' kollox is-sid,
iżda f'idejn Alla qiegħda l-ikbar setgħa,
u xemx u xita, Hu biss jaf meta.

**CHARMAINE TANTI**

**LENUTA E LA NEVE**

Nevica.
Siamo sedute sul marciapiede
e mi stringo a te, mamma,
per non tremare.

Davanti a noi tintinna
di tanto in tanto
una moneta
che cade nel bicchiere
e ogni volta mi baci
sulle guance.

Nevica.
Sono felice della vita
che scende su di me
dal cielo, come luce.

**ROBERTO MALINI**
***L-Italja***
**(minn *Il silenzio dei violini -The silence of the violins*, 2012)**

**ĦAJKU**

Il-mewt tasal bla mistenni
fuq kulħadd
bla preferenzi.

Spiss nies jilħqu
quċċati u għoljiet
u jinsew li bdew mill-art.

**KEVIN TANTI**

**MAĦFRA**

Il-krietel itambru f'widnejja
u moħħi jixxengel
f'sakra ta' ħsibijiet . . .
Il-pinna tiżżeffen
ma' żiffa għodwija
maħluqa b'tixjira ħafifa,
bellusija,
t'idejn il-Kreatur
u xita ta' ħsejjes jisserrpu
ma' l-għana tal-anġli . . .
Imrietel tal-pannu jissammru
mal-kordi ta' pjanu,
u arpi t'arpeġġi jinsġu bizzilla
t'armonija . . .
lewlu ta' noti jgħum
f'oċean ta' dmugħ
u qatra nida iġġelben fuq ħaddejja
tmellisli wiċċi u
qalbi tfur bil-ferħ
fi xmara ta' paċi,
għalenija . . .
ferriħija . . .

**NAZZARENU ZERAFA**
***L-Awstralja***

**TIME TO GO**

1967 -
we stayed put at home as
there were bombs in the streets.

1989 -
the smell of blood afar,
we all marched down Queensway.

2014 -
for a month and more days,
you have camped on the roads.

You have spoken your mind.
We have heard every word.
Even those who didn't care
now watch the news daily.

So try to listen please
to voices not your own.
To prison or to death
is not the only way.

Move to Tamar Park if
you still want to protest.
Or form your own party
to get into LegGo.

It's not the traffic jams.
It's not the business lost.
We just want to leave you
a place you can call home.

Time to go home, my friends.
It is still not too late.
No one would laugh at you.
We were all there before.

One fine day some winter,
you will walk down the streets,
feel the sun on your face.

In your mind, you may still
see the tents and your friends,
the mobile lights at night...

But you may wonder where
did all the hatred go,
what dreams were really dreamt...

*31 October 2014, the 34th day of Occupy Central, Admiralty*

**AGNES S.L. LAM**
***Hong Kong***
**(minn *Asiatic*, Vol. 8, No. 2, December 2014)**

**THE BANISHED SUN**

Kont ili haw.
Fuq dan il-keyboard.
Nipprova. Insib. Lilek.
Poeżija.
Imm'int ma ġejtx.
W'għalhekk. Jien. Ftaħt.
It-tieqa.
U ħelwa. Kienet ix-xemx.
U ħelwa l-poeżija.
Tisplodi d-dopomina.

**TARĊISJU ZARB**

**Postscriptum: Id-dawl tax-xemx, jingħad li jibbustja l-livelli tad-dopomina li hija assoċjata fost oħrajn ma' pjaċir intens li jwasslek biex tkun ewforiku.**

# minn fuq l-ixkaffa




***LORENZO MILANI'S CULTURE OF PEACE - ESSAYS ON RELIGION, EDUCATION, AND DEMOCRATIC LIFE*** **ta' Carmel Borg u Michael Grech ed., Palgrave Macmillan, 2014.**

Dan hu ktieb ispirat mill-bijografija ta' Lorenzo Milani (1923-1967). Fiċ-ċentru tiegħu hemm it-tema tal-paċi, il-promozzjoni tagħha u l-ġlieda li twassal għal relazzjonijiet soċjali paċifiċi. Borg u Grech jesploraw il-Knisja Kattolika f'dinja post-internet u jgħinuna nifhmu x'inhuma paċi u komunità permezz tax-xogħlijiet ta' Milani. Il-kontenut jinqasam fi tliet taqsimiet: "Peace and Religion: Then and Now"; "Peace, Memory and Education"; u "Peace, Democracy, Sexuality, Gender, and Aesthetics". Il-kontributuri huma bosta u minn pajjiżi differenti: apparti l-edituri, jiktbu wkoll Darren J. Dias, Michael Attridge, Brian Wicker, Peter Van Den Dungen, Clive Zammit, Antonia Darder, Marianna Papastephanou, Isabelle Calleja Ragonesi, Yigal Rosen, Francois Mifsud, John P. Portelli, Duncan P. Mercieca, Mario Gerada, Clayton Mercieca, Diane Xuereb, Mark Debono, Nicos Trimikliniotis, u Nathalie Grima. B'kollox insibu 17-il kontribut akkademiku.




***IL-PURGATORGU 360°*** **ta' Joseph W. Psaila, Għawdex 2014.**

Kif jikteb l-awtur stess, dan ix-xogħol hu kitba "Danteska" fis-sens li hija mnebbħa jew għandha bixra tal-opra letterarja ta' Dante Alighieri. Psaila jispira ruħu mill-*Purgatorio*, it-tieni kantika tad-*Divina Commedia* tal-kittieb Fjorentin. Hi kitba ta' 30 kant li tirrappreżenta wkoll vjaġġ allegoriku mwassal permezz tal-endekasillabi u t-*terza rima*, bl-iskema aba, bċb, ċdċ. Filwaqt li Dante fix-xogħol tiegħu rrefera għall-isfond storiku, politiku, soċjali u l-bqija ta' żmienu, hawn Psaila jagħti bixra attwali lil xogħlu billi jikteb dwar il-politika Maltija fl-Ewwel Repubblika, u dan bla kantunieri u b'mod oġġettiv. Il-ktieb hu megħjun minn Daħla interessanti tal-istess Joe W. Psaila fejn jirreferi għal xogħlijiet ta' Dante, Ezra Pound, David Runciman u Christian Jungersen. Apparti l-kitba ewlenija f'għamla ta' versi Psaila jagħtina f'tarf il-paġni bosta annotamenti li jkomplu jiffamiljarizzaw lill-qarrej mas-sitwazzjoni politiko-soċjali Maltija attwali. Xogħol ta' min jinqara, xogħol f'waqtu tassew!




***MIKO*** **ta' Alfred Palma, Pubblikazzjoni Minn Taħt it-Tapit, 2014.**

Dan huwa rumanz assolutament ġdid li jifrex fuq 150 paġna u jinqasam f'27 kapitlu. L-ewwel kapitlu jġib is-sena 1964 filwaqt li l-Epilogu jintrabat mas-sena 1970. Nislet minn kliem Palma stess fil-Kelmtejn Qabel: "Kemm-il darba, fid-daħliet għar-rumanzi tiegħi, insistejt bl-akbar sinċerità li x-xorta ta' kitba sesswalment espliċita u 'taħraq' li jien nuża [...] qatt ma kienet jew hi intiża biex inkun sensazzjonali jew nagħmel hekk biex ir-rumanz jimxi. Kull darba li nikteb rumanz niktbu għax ikolli storja tajba u nkun irrid niktibha b'mod skjett u mingħajr djuq, bla ma ninsulta l-intelliġenza tal-qarrej (adult) tiegħi." Palma għal darb'oħra jesponi s-sess fir-realtà u fil-forom kollha tiegħu, bla tidwir mal-lewża. Dan biex juri u jfiehem li s-sess hu naturali daqs in-nifs li nieħdu, li ma fih xejn ħażin, u jkun ħażin biss meta jkun użat ħażin. Bħal dejjem, dan ir-rumanz huwa miktub fi stil mexxej li żgur se jgħin lill-qarrej jibqa' għaddej jaqra bla tbatija u fl-istess ħin miklub sal-aħħar biex jara kif se tintemm din l-istorja umana ġdida ta' Alfred Palma.

# minn fuq l-ixkaffa




***FIL-BAĦAR TAD-DMUGĦ* ta' Vladimir Vysotsky (maqlub għall-Malti minn Yana Psaila), Malta-Iżrael-Polonja, 2015.**

Din hija l-ewwel ġabra tal-poeżiji tal-poeta, attur u kantawtur leġġendarju Sovjetiku Vladimir Vysotsky (1938 – 1980) maqlubin mir-Russu għall-Malti. Din il-pubblikazzjoni hija edizzjoni limitata, maħruġa mill-Mużew iddedikat lilu fil-belt ta' Koszalin (Polonja) bl-għajnuna tal-ħbieb mill-Iżrael (ġiet stampata fil-belt ta' Herzliya). Fiha 14-il kanzunetta tat-tul differenti mifruxin fuq 20 paġna. Yana Psaila għażlet poeżiji għat-traduzzjoni b'tali mod li jispikkaw aspetti diversi tal-karattru u x-xogħlijiet ta' dan il-poeta. Dawn il-kitbiet fihom spettru vast tal-emozzjonijiet bħal ferħ u dwejjaq, imħabba u wġigħ, sarkażmu u satira, bl-elementi tipiċi tal-mentalità u ambjent Russi, iżda fl-istess ħin xogħlijietu jappellaw għall-qalb ta' kull qarrej. Għalhekk Vladimir Vysotsky ġieli jissejjaħ "ċittadin tad-dinja". S'issa il-poeżiji tiegħu ġew maqluba f'102 ilsien.




***POE* ta' Carmel Mallia, Dom Communications Ltd., 2014.**

Carmel Mallia jikteb proża u poeżija, huwa Esperantist, poliglotta u traduttur. *Poe* hija ġabra ta' 81 poeżija miktubin minnu bl-Ingliż, bl-Esperanto, bil-Franċiż, bit-Taljan u bil-Malti. Apparti dawn nistgħu naqraw bl-Ingliż 66 ħajku u 9 tanka. Bħal f'kull ġabra ta' poeżiji hawn insibu miġburin flimkien għadd ta' waqtiet u esperjenzi umani li jitilqu mill-personali biex fl-aħħar jilħqu l-livell universali ladarba dak li jikteb dwaru Carmel Mallia jirrifletti t-tiġrib uman in ġenerali. Fost it-temi li jikteb dwarhom naqraw dwar il-mewt, il-ġlieda għall-paċi, il-gwerra u l-kruhat li ġġib magħha, it-twemmin, l-immigrazzjoni rregolari, l-imħabba u ħafna iktar. Naraw lil Mallia bħala ħassieb, vjaġġjatur, missier, miżżewweġ, osservatur; jikteb dwar waqtiet ta' hena u ta' wġigħ, dwar l-imgħoddi u l-preżent, dwar l-għarfien li ż-żmien għadda sewwa minn fuqu u li issa wasal fil-ħarifa ta' ħajtu. Bħala stili jħaddem kemm il-forom rigorużi tradizzjonali, kif ukoll il-vers ħieles, il-ħajku u t-tanka. Insibu nklużi wkoll matul il-ktieb għadd ta' riferimenti qosra miktubin minn kittieba barranin varji.




***LEĦEN IL-MALTI GĦADD 33*, Għaqda tal-Malti Università, 2014.**

Is-sena 2014 kienet it-83 sena minn mindu twaqqfet l-Għaqda tal-Malti Università. Xahar u nofs wara t-twaqqif tagħha bdiet toħroġ ir-rivista *Leħen il-Malti.* F'din il-ħarġa numru 33 wieħed isib 27 kitba letterarja, bejn poeżiji u proża. Huwa inkoraġġanti ħafna l-fatt li fost dawn is-27 kontribuzzjonijiet insibu 10 mill-pinna ta' kittieba nisa, u 9 minnhom huma fost dawk li twieldu fis-snin 90. Għalhekk *Leħen il-Malti* huwa spazju ieħor li qed jingħata lil kittieba ta' etajiet, stili u sfond soċjali differenti opportunità biex jesponu l-kitbiet tagħhom. Din il-ħarġa tinkludi wkoll erba' kitbiet ta' natura akkademika, miktubin mill-pinna ta' Keith Attard u Michael Spagnol ("Differenzi Lessikali bejn il-Malti u l-Għawdxi"), Olivia Borg ("Il-Qabża Poetika Kunfidenti ta' Henry Holland"), Charles Briffa ("John Cremona: Poeta li Jfittex iċ-Ċarezza"), u Stephen Bonanno ("Il-Problematizzazzjoni ta' Ġwann Mamo bħala Riformatur Soċjali"). Insibu wkoll taqsima intitolata "Rumanz Inedit ta' Ġużè Aquilina", b'kummenti ta' Oliver Friggieri u ta' Joseph Felice Pace.